**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 17**

**Avviz numru 1618/01JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Anthony Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tnejn u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm132.54), rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0949 5278;**

**Minkejja interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' din it-talba u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Beppe Fenech Adami ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tnejn u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm132.54), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru, 2001 sad-data tal-pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mat-talba, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**